# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni numru 898/04 GCD**

**Alfred Mizzi**

**v.**

**Sullivan Maritime Limited (C 20340)**
**Short Med Shipping Co. Limited (C 24611)**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-attur ressaq fid-19 ta' Novembru 2004 u li jaqra hekk:

> "Premess illi l-attur huwa haddiem licenzjat tax-xatt;
>
> "U premess illi nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002), ghall-habta tal-hdax u nofs (11.30), waqt li l-attur kien qieghed jahdem fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited fuq il-bastiment "m.v. Malta Express", huwa safa korrut;

"U premess illi l-bastiment imsemmi huwa proprjeta` tas-socjeta` konvenuta Short Med Shipping Co. Limited;

"U premess illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom;

"U premess illi l-attur sofra danni ingenti konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*;

"U premess illi s-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited giet interpellata, anke ufficjalment, sabiex tghaddi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqghet inadempjenti;

"Ghalhekk, jghidu s-socjetajiet konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

> "1. Tiddikjara li l-incident tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002), fuq premess, fejn korra l-attur sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom;
>
> "2. Tillikwida, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-attur kawza tal-imsemmi incident;
>
> "3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

"Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 2003, u bl-imghaxijiet kontra s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Short Med Shipping Co. Limited li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament, il-kumpanija eccipjenti ma hijiex legittimu kontradittur ghat-talbiet tal-attur stante illi fiz-zmien in kwistjoni l-bastiment inkwistjoni ma kienx qed jigi operat minnha izda kien moghti bi *charterparty* lill-kumpanija estera bl-isem Grimaldi Compagnia di Navigazione S.p.A u ghalhekk il-bastiment kien taht il-kontroll u r-responsabbilta` assoluta tal-istess kumpanija estera u ghalhekk il-kumpanija eccipjenti ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali jew xort'ohra mal-attur u lanqas ma naqset jew ma setghet b'xi mod tonqos fil-konfront tal-attur;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-incident inkwistjoni sehh unikament b'rizultat tat-tort, htija, negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' hsieb tal-attur stess u ta' shabu Carmelo Said u Carmelo Micallef illi kienu mieghu fil-hin tal-incident;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta` u danni konsegwenzjali li jistghu jigu attribwiti lill-kumpanija eccipjenti ghandhom jigu kwantifikati u likwidati permezz ta' espert jew esperti medici mahtura ghal dan il-ghan minn din l-Onorabbli Qorti u ghandhom ikunu limitati a tenur tal-Artikoli 347 *et sequitur* tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament, il-kumpanija eccipjenti f'isimha proprju ma hijiex legittimu kontradittur ghat-talbiet tal-attur stante illi fiz-zmien inkwistjoni l-kumpanija eccipjenti kienet qed tagixxi biss fil-kwalita` taghha ta' agent ossia mandatarju tal-operaturi ossia *charterers* tal-bastiment m.v. Malta Express u cioe` ta' Grimaldi Compagnia di Navigazione S.p.A u ghalhekk f'isimha proprju ma kellha ebda relazzjoni, kuntrattwali jew xort'ohra mal-attur, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Illi *in ogni caso* l-incident inkwistjoni sehh unikament b'rizultat tat-tort, htija, negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' hsieb tal-attur stess u ta' shabu Carmelo Said u Carmelo Micallef illi kienu mieghu fil-hin tal-incident;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta` u danni konsegwenzjali li jistghu jigu attribwiti lill-kumpanija eccipjenti ghandhom jigu kwantifikati u likwidati permezz ta' espert jew esperti medici mahtura ghal dan il-ghan minn din l-Onorabbli Qorti u ghandhom ikunu limitati a tenur tal-Artikoli 347 *et sequitur* tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"… … tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta *Short Med Shipping Co. Limited* u għalhekk teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju; tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta *Sullivan Maritime Limited*, tgħid li din taħti għall-inċident, tillikwida d-danni li ġarrab l-attur bi ħtija tagħha fis-somma ta' mija u disgħa u tletin elf, mitejn u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€139,260.56), u tikkundanna lill-istess *Sullivan Maritime Limited* tħallas lill-attur is-somma ta' mija u disgħa u tletin elf, mitejn u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€139,260.56) flimkien mal-imgħaxijiet fuqha b'seħħ millum.

"27. L-ispejjeż tal-konvenuta *Short Med Shipping Co. Limited* iħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħrajn kollha tħallashom il-konvenuta *Sullivan Maritime Limited*."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"5. L-inċident seħħ hekk: L-attur huwa ħaddiem tal-port u dakinhar tal-inċident kien qiegħed igħin biex jinħattu karrozzi minn fuq il-bastiment *m.v. Malta Express*. Il-karrozzi kienu f'livell ta' isfel u kienu jittellgħu għal-livell ta' fuq – fejn kien qiegħed l-attur flimkien ma' oħrajn – tlieta tlieta fuq *lift* magħmul minn *platform* miftuħa. Il-bokka tal-*lift*, fil-livell fejn kien jaħdem l-attur, kellha ħabel mal-ġenb biex dak li jkun ma jersaqx qrib il-bokka meta din tkun miftuħa għax il-*lift* ikun isfel. Fuq quddiem, iżda, ma kienx hemm ħabel għax minn hemmhekk kellhom igħaddu l-karrozzi biex jinsaqu minn fuq il-*lift*. Il-ħabel ta' mal-ġenb ikun marbut ma' kanen tal-metall imwaħħla weqfin mal-art mal-ġenb tal-bokka. L-attur igħid illi dakinhar meta korra l-ħabel kien biss imqiegħed u mhux marbut.

"6. L-attur kien miexi 'l barra mill-ħabel – *i.e.* mhux fuq in-naħa tal-*lift* – meta l-*lift* kien isfel u l-bokka għalhekk kienet miftuħa. Igħid illi żelaq fuq roqgħa żejt, waqa' lura għal dahru, qabad mal-ħabel li iżda baqa' nieżel miegħu għax ma kienx marbut, u waqa' għoli ta' sular. Kiser l-għadma tal-għarqub ta' saqajh it-tnejn u, għalkemm dik tal-lemin fieqet, dik tax-xellug baqgħet ma feqitx għal kollox u llum, fil-fehma tal-esperti maħtura mill-qorti, għandu debilità li ma jfieqx minnha ta' għoxrin fil-mija (20%).

"7. Għandu jingħad illi, għalkemm l-attur fl-*affidavit* tiegħu jgħid illi kien "miexi barra s-*safety rope*"[1] li jfisser li kien miexi mal-ġenb, sieħbu Carmelo Said li kien miegħu meta seħħ l-inċident qal illi meta waqa' l-attur kien fuq quddiem tal-bokka, fejn ma kienx hemm ħabel u għalhekk "ma kellux ilqugħ ma' xiex jaqbad biex jipproteġih" għax "l-uniku ħabel jew *safety rope* li kien hemm kien fil-ġenb. Fuq quddiem però … … …

[1] *Fol.* 13.

ma kienx hemm"[2]. Carmelo Micallef, xhud ieħor, ukoll jgħid illi "ħabel ta' lqugħ dakinhar tal-inċident ma kienx hemm quddiemu" iżda kompla jgħid illi l-attur meta ra li sejjer jaqa' "qabad mal-ħabel li kien hemm fil-ġenb biex iżomm iżda dan baqa' nieżel miegħu u ddendel miegħu"[3].

"8. Għandu jingħad ukoll illi xhieda mressqa mill-konvenuti jgħidu illi l-inċident seħħ għax l-attur u sħabu kienu qegħdin jiċċajtaw u jiġru wara xulxin meta l-attur żelaq. Il-qorti iżda hija tal-fehma illi dawn ix-xhieda ma tistax toqgħod fuqhom. Il-kaptan tal-bastiment, li xehed b'*affidavit*[4] seta' jgħid biss li dan jafu mhux għax ra b'għajnejh imma "*as I understood from the ship's bosun*", waqt illi x-xhud Boris Milkov, *chief mate* qal illi "*I heard stevedores talking and joking loudly*"[5] iżda la jgħid jekk l-attur kienx wieħed minnhom u lanqas jekk iċ-ċajt kienx biss bil-kliem jew b'ġiri u logħob tal-idejn. Ix-xhud Edgar Cordero igħid illi ra żewġ ħaddiema jimbottaw lil xulxin u ra lil wieħed minnhom jiġri u jaqa', iżda l-istqarrija ta' dan ix-xhud[6] ma hijiex iffirmata u għalhekk ma tistax titqies bħala xiehda.

"9. L-attur u sħabu jiċħdu li kien hemm dan il-logħob u ġiri u l-qorti ma tara ebda raġuni għala ma għandhiex toqgħod fuqhom.

"10. Il-qorti hija wkoll tal-fehma illi ma għandhiex tagħti wisq importanza lid-diskrepanza bejn ix-xiehda tal-attur u dik ta' sħabu, jekk kienx fuq quddiem tal-bokka, fejn ma hemmx ħabel, jew mal-ġenb 'il barra mill-ħabel, meta waqa'. F'kull każ kien qrib biżżejjed tal-ħabel biex seta' jaħtfu u l-inċident seħħ kif seħħ għax il-ħabel ma kienx marbut tajjeb biżżejjed biex l-attur seta' jżomm miegħu.

"11. Jidher għalhekk illi l-ħtija kienet ta' min kellu r-responsabilità li jara illi fl-ambjent tax-xogħol ma jkunx hemm perikoli li jistgħu jiġu evitati billi jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa. Is-*safety rope* tqigħed biex jagħti lqugħ, u hija ħaġa ovvja u prevedibbli illi dan l-ilqugħ ma jkun jiswa għal xejn jekk il-ħabel flok ikun marbut sew iċedi u jibqa' nieżel hekk kif jisserraħ piż miegħu. Ukoll, f'żona minnha nfisha perikoluża bħall-bokka tal-*lift* kellu jkun hemm min jara li ma jkun hemm xejn li dak li jkun jista' jitfixkel u jaqa' fih, bħal żjut u affarijiet jiġru mal-art[7].

"12. Fil-fehma tal-qorti, iżda, din ir-responsabilità ma tistax titqiegħed fuq it-Tieni Konvenuta, sidt il-bastiment. Din ma kinitx tħaddem hi l-bastiment meta seħħ l-inċident għax kien mogħti b'*charterparty* lil terzi, u għalhekk ma kellhiex kontroll fuq affarijiet ta' kuljum bħal ma hu l-irbit tal-ħbula. Is-*safety rope* ma huwiex xi ħaġa permanenti għax jitqiegħed biss meta jintuża l-*lift*. Meta l-*platform* tal-*lift* tkun fuq, u għalhekk il-bokka tkun magħluqa, ma jkunx hemm ħtieġa tal-ħabel li għalhekk jitneħħa biex

[2] *Affidavit* ta' Carmelo Said, *fol.* 92.
[3] *Affidavit* ta' Carmelo Micallef, *fol.* 90.
[4] *Fol.* 64.
[5] *Fol.* 65.
[6] *Fol.* 67.
[7] Ara x-xiehda ta' Vincent Dimech fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2008, *fol.* 131.

ma jkunx ta' tfixkil[8]. L-eċċezzjoni tat-Tieni Konvenuta li ma hijiex kontradittur leġittimu għalhekk għandha tintlaqa'.

"13. L-Ewwel Konvenuta wkoll tgħid illi għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax hija biss aġent tal-operatur tal-bastiment u ma għandha ebda relazzjoni mal-attur.

"14. Għalkemm huwa minnu illi l-Ewwel Konvenuta ma għandhiex relazzjoni kuntrattwali mal-attur ir-responsabilità tagħha ma toħroġx biss minn relazzjoni kuntrattwali. L-Ewwel Konvenuta kellha l-kontroll immedjat tal-bastiment u tal-operazzjonijiet ta' kuljum tiegħu, għallinqas sakemm kien ġewwa l-port, u kienet parti mir-responsabilità tagħha li tara illi, sakemm kellha kontroll effettiv tal-bastiment, dan jinżamm fi stat li ma jkunx ta' perikolu u, fil-każ partikolari, illi l-ħabel ta' sigurtà jkun marbut kif imiss u ma jkunx hemm żjut mal-art.

"15. Min-naħa l-oħra, ma hemmx xiehda li turi xi nuqqas min-naħa tal-attur innifsu. Huwa kien liebes is-*safety gear* li kellu jilbes, u, għar-raġunijiet mogħtija fuq[9], ix-xiehda li tgħid illi kien qiegħed jiġri u jiċċajta ma hijiex waħda li tista' toqgħod fuqha.

"16. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, l-Ewwel Konvenuta għandha twieġeb għall-inċident, u l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tagħha għandhom jiġu miċħuda.

"17. Fit-tielet eċċezzjoni tagħha l-Ewwel Konvenuta tgħid illi r-responsabilità tagħha hija limitata taħt l-artt. 347 *et seqq.* tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap. 234]. Billi l-inċident seħħ qabel l-1 ta' Marzu 2004, kienu għadhom fis-seħħ ukoll l-artt. 349 *et seqq.* tal-Kap. 234.

"18. L-art. 353(1) igħid illi "l-persuni li r-responsabbiltà tagħhom dwar bastiment hija eskluża jew limitata … … … għandhom jinkludu kull noleġġatur u kull persuna li jkollha interess fi, jew il-pussess tal-bastiment, u, b'mod partikolari, kull amministratur jew operatur tal-bastiment". L-art. 349(1), iżda, igħid illi jkun hemm tnaqqis ta' responsabbiltà biss meta l-ġrajja li biha ssir il-ħsara "ssir mingħajr ħtija jew parteċipazzjoni effettiva tagħhom". Fil-każ tallum, għalhekk, billi l-Ewwel Konvenuta kellha "parteċipazzjoni effettiva" fil-ħtija, ma tistax tinqeda bit-tnaqqis ta' responsabbiltà, u t-tielet eċċezzjoni hija miċħuda.

"19. Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"20. L-attur ma ressaqx prova dwar *damnum emergens*. Tassew illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jqis it-telf ta' qligħ għaż-żmien li għamel ma jmurx għax-xogħol, bejn it-22 ta' Novembru 2002, meta korra, u t-3 ta' Jannar 2005, meta mar lura għax-xogħol, bħala *damnum emergens*, iżda dan fil-fatt huwa qligħ mitluf – *lucrum cessans* – u mhux *damnum emergens*.

[8] Ara x-xiehda ta' Joseph Buhagiar fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2008, *fol.* 127.
[9] Para. 0, *supra*.

> "21. Ngħaddu mela għal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*. Din il-likwidazzjoni għandha tinqasam fi tnejn: dik għaż-żmien bejn it-22 ta' Novembru 2002 u t-3 ta' Jannar 2005 meta l-attur ma setax jaħdem u dik għaż-żmien ta' wara t-3 ta' Jannar 2005 meta reġa' lura għax-xogħol għalkemm b'debilità ta' għoxrin fil-mija (20%).
>
> "22. Matul l-ewwel żmien l-attur kellu dħul residwali ta' tnax-il elf, tmien mija u sitta u tletin lira (Lm12,836) waqt li ħaddiem ieħor bħalu li ħadem regolarment kellu dħul ta' sebgħa u erbgħin elf, mitejn u sitt liri (Lm47,206), differenza ta' erbgħa u tletin elf, tliet mija u sebgħin lira (Lm34,370)[10], jew tmenin elf u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€80,060.56).
>
> "23. Meta daħal lura għax-xogħol fl-2005 l-attur kellu tlieta u ħamsin (53) sena u għalhekk *multiplier* xieraq għat-tieni żmien, meta tqis ukoll in-natura tax-xogħol tiegħu, ikun ta' tmien (8) snin. Id-dħul tiegħu fl-2002 qabel ma korra kien ta' ħmistax-il elf, erba' mija u sitta u ħamsin lira (Lm15,456)[11], jew sitta u tletin elf u żewġ euro u tmenin ċenteżmu (€36,002.80). Biex tagħmel tajjeb għal-żjidiet li jistgħu jingħataw matul iż-żmien relativament qasir tal-*multiplier* il-qorti sejra taħdem fuq dħul medju ta' sebgħa u tletin elf euro (€37,000). Għalhekk meta tqis debilità ta' għoxrin fil-mija (20%) t-telf tal-attur jiġi likwidat hekk:
>
> $$€37,000 \times 8 \times 20\% = € 59,200$$
>
> "24. L-attur għalhekk tilef qligħ ta' tmenin elf u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€80,060.56) u disgħa u ħamsin elf u mitejn euro (€59,200) – b'kollox mija u disgħa u tletin elf, mitejn u sittin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€139,260.56).
>
> "25. Billi l-ħlas sejjer isir wara li għadda tista' tgħid iż-żmien kollu tal-*multiplier* ma huwiex il-każ li jsir it-tnaqqis minħabba ħlas antiċipat ta' qligħ futur; kull benefiċċju li jista' jieħu l-attur ikun paċjut mal-imgħaxijiet li tilef sallum."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sullivan Maritime Limited li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "… … tirriforma s-sentenza appellata moghtija fit-28 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet hawn premessi fis-sens illi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li biha s-socjeta` appellanti giet misjuba responsabbli ghall-incident inkwistjoni, billi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` appellanti huma fattwalment u legalment insostenibbli u b'hekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha prevja l-

[10] *Fol.* 25.
[11] *Fol.* 23.

> akkoljiment tal-eccezzjonijiet minnha sollevati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta u appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … fl-ewwel lok tichad l-appell tas-socjeta` appellanti Sullivan Maritime Limited ghas-sentenza appellata fl-ismijiet **Alfred Mizzi vs Sullivan Maritime Limited u Short Med Shipping Co. Limited** moghtija nhar it-28 ta' Novembru 2011 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, u fit-tieni lok thassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata fejn is-socjeta` Short Med Shipping Company Limited giet mehlusa mill-harsien tal-gudizzju u konsegwentement tiddikjara lill-istess socjeta` Short Med Shipping Company Limited responsabbli solidalment mal-appellanti ghad-danni sofferti mill-esponenti, u fit-tielet lok tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti illikwidat id-danni sofferti mill-esponenti billi tawmenta l-istess likwidazzjoni tad-danni favur l-esponent skond kif fuq premess u konsegwentement tikkundanna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, ihallsu solidalment dik is-somma hekk likwidata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjetajiet."

Rat ir-risposta tas-socjetajiet konvenuti ghall-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew li l-appell incidentali interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna incident fuq il-post tax-xoghol li sehh fit-22 ta' Novembru 2002 u li fih allegatament wegga' l-attur. L-attur huwa

haddiem tal-port u dakinhar tal-incident kien imqabbad jghin fil-hatt ta' karrozzi minn fuq il-bastiment m.v. Malta Express. L-ewwel Qorti, fil-parti preliminari tas-sentenza taghha, spjegat kif gara l-incident. Li jista' jinghad hawn hu l-attur jghid li zelaq fuq roqgha zejt, tilef il-bilanc, ipprova jzomm ma' habel, izda baqa' niezel mieghu u waqa' go *shaft* ta' *lift* ghax il-habel ma kienx marbut. Hu waqa' gholi ta' xi sular u sofra griehi personali ta' natura permanenti.

L-ewwel Qorti sabet li l-attur ma jahtix ghall-incident, izda tahti s-socjeta` Sullivan Maritime Limited bhala li kellha *'il-kontroll immedjat tal-bastiment u tal-operazzjonijiet ta' kuljum tieghu'*, u naqset li tipprovdi lok sikur ghall-haddiema involuti. Is-socjeta` konvenuta l-ohra giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi din ma kinitx thaddem il-bastiment meta sehh l-incident. L-ewwel Qorti illikwidat id-danni fl-ammont ta' mija u disgha u tletin elf, mitejn u sittin Euro u sitta u hamsin centezmi (€139,260.56) u ordnat lis-socjeta` Sullivan Maritime Limited thallas din is-somma lill-attur.

Is-socjeta` Sullivan Maritime Limited appellat mis-sentenza u ressqet zewg aggravji principali: li hi kienet biss agent tal-vapur u allura mhux responsabbli ghall-akkadut, u subordinatament, illi ma kien hemm ebda negligenza da parti taghha li ghandha tirrispondi ghaliha. L-attur ressaq appell incidentali billi qed jittanta jitlob awment fil-*quantum* tad-danni li

jghid li hu intitolat ghalihom, u jrid ukoll li s-socjeta` Short Med Shipping Co. Limited titqies ukoll responsabbli ghall-incident.

Trattat l-ewwel appell principali tas-socjeta` Sullivan Maritime Limited, din il-Qorti ma taqbilx li persuna mahtura agent ta' xi hadd iehor ma twegibx ghall-ghemilha. Ghall-obbligi kuntrattwali li tidhol fihom ghan-nom tal-principal taghha, iwiegeb, bhala regola generali, l-istess principal. L-agent, pero`, fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghti, jrid jagixxi ta' *bonus paterfamilias*, bid-diligenza u l-abilita` kollha rikjesta minnu. Jekk il-mandatarju jew l-agent jonqos minn dan l-obbligu tieghu, iwiegeb ghall-konsegwenzi u ghad-danni (ara **Calleja noe et v. Ellul Sullivan noe et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 2004).

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Schembri noe v. Frendo noe** deciza fl-14 ta' Jannar 2002:

> "Il-konsenjatarji jew agenti ta' bastiment huma dawk li jigu maghzulin kull darba li bastiment imur fil-port fejn joqghod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarju stabbilit u l-fakultajiet taghhom huma limitati ghall-operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu u li jkunu l-konsegwenza tal-fatt tal-karikament u tal-iskarikament ta' bastiment, wiehed determinat f'port wiehed. <u>Il-figura guridika taghhom hija kwindi dik ta' mandatarju okkazjonali b'mandat specjali u limitat.</u> ……. Ir-rapprezentanti jew agenti tas-socjetajiet ta' navigazzjoni huma istituri veri u proprji ghaliex jittrattaw u jikkonkludu abitwalment l-affarijiet kollha tas-socjeta' li jirrapprezentaw u l-post fejn joqghodu u f'dak il-post huma preposti ghall-kummerc kollu li fl-istes post jigi ezercitat mis-socjeta' mandanti."

Jibqa' l-fatt pero`, li jekk l-agent jagixxi lil hinn mill-manzjonijiet tieghu (u meta jagixxi mhux ta' *bonus paterfamilias* hekk jigri, ghax ma hux prezunt li l-principal tieghu jkun qallu biex jagixxi b'negligenza), hu jkun responsabbli personalment ghall-akkadut, u ma jistax jitfa' fuq il-principal tieghu l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu.

Din is-socjeta` konvenuta, bhala agent inkarigata tiehu hsieb l-operazzjoni tal-hatt tal-karrozzi minn fuq il-vapur, kellha obbligu tqabbad in-nies ghat-twettieq tal-operazzjoni. Is-*senior administrator* tal-Malta Maritime Authority, li tmexxi x-xoghol fil-port, qal, u dan mhux kontestat, li hu l-agent li jordna n-nies; hu l-agent li jinforma lill-i*stevedore foreman* li hemm xoghol xi jsir abbord il-vapur, u minn hemm 'il quddiem il-*foreman* jorganizza kemm ikun mehtieg li jitilghu haddiema. Dawn il-haddiema, maghzula biex jahdmu fuq il-vapur, ma jkunux impjegati tal-agent, pero` jkun l-agent li jitlob l-assistenza taghhom; ikun hu li jqabbadhom u jibghathom fuq il-lant tax-xoghol, u bhala konsegwenza ghandu dmir u obbligu li jara li l-ambjent tax-xoghol ikun sikur u hieles minn kull perikolu.

Din ir-responsabbilta`ma hijiex dipendenti fuq relazzjoni kuntrattwali ta' bejn *employer* u *employee*, u dan kif osservat espressament din il-Qorti fil-kawza **Mallia v. Cortis noe** deciza fis-7 ta' Ottubru 1996. Kif kompliet

tispjega il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Spiteri v. Malta Freeport Terminals Ltd et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2007:

> "Kif qalet il-Qorti fis-sentenza P.A. Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd 10/7/2006 ir-responsabbiltà ghal incidenti fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol, dan ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol."

Darba s-socjeta` Sullivan Maritime Limited talbet hi li jsir xoghol fuq bastiment li taghha kienet agent, tidhol responsabbli biex tara' li l-haddiema li se jaghmlu xoghol inkarigat minnha u fejn tordna hi, ma jkunux f'riskju ta' hsara. Kienet hi li talbet is-servizzi ta' haddiema ghax-xoghol taghha, u allura, f'dak il-mument, tassumi obbligu ghall-inkolumita` tal-haddiema, li tista' tghid saru "taghha".

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Scicluna v. TN Waterproofing Ltd** deciza fl-20 ta' April 2007:

> "Min ihaddem ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu s-sit fejn ikun se jibghat il-haddiema tieghu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konducenti ghal perikli ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevaljuwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem ghandu jirrifjuta jesegwixxi x-xoghol u jesponi l-haddiema tieghu ghal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Montanaro Gauci", deciza fl-14 ta` Mejju, 2004, *"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'"*."

F'dan il-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited ma hadet ebda hsieb taccerta ruhha li l-post tax-xoghol huwa wiehed sikur, tissorvelja tali post u tiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji biex tnaqqas il-perikolu. L-attur kien liebes l-ilbies prottetiv moghtija lilu, u l-incident sehh ghax zelaq fuq roqgha zejt u waqa' go *shaft* ta' *lift* li kien mikxuf. Mal-bokka tal-*lift*, fil-livell fejn kien jahdem l-attur, kien hemm habel mal-genb biex dak li jkun ma jersaqx qrib il-bokka meta din tkun miftuha ghax il-*lift* ikun isfel. Dakinhar tal-incident pero`, il-habel ma kienx marbut, b'mod li meta l-attur qabad mal-habel *"to steady himself"*, spicca waqa' l-isfel xorta wahda. Oltre dan, jirrizulta li z-zejt fl-art kienet haga regolari u ma ttiehdux mizuri biex il-perikolu li dan johloq jigi evitat. Il-*barriers* kienu baxxi, ix-*shaft* tal-*lift* bla sikur, u kien hemm ukoll hafna *wires* u *cables* imwaqqghin mal-art. Kien jinkombi fuq min ihaddem li jaccerta ruhu li l-habel ikun marbut u li jaghmel *barriers* addattati biex jevitaw incidenti simili.

Anke jekk, kif jinsab allegat izda mhux pruvat, li l-attur kien qed jiccajta ma' shabu u jizuffjetta, il-post tax-xoghol ma kienx sikur. Wiehed jistenna li l-haddiema jiccajtaw bejniethom waqt ix-xoghol, u trattandosi ta' karrozzi, kellu jkun mistenni li jkun hemm irqajja ta' zejt fl-art. Kellu jkun xoghol *supervisor*, ipprovdut mis-socjeta` konvenuta, jiehu hsieb dan il-perikolu u ma jhallix irqajja zejt fl-art. Kif qalet il-Prim'Awla tal-

Qorti Civili fil-kawza **Vella et v. St Microelectronics (Malta) Ltd** deciza fil-21 ta' Ottubru 2003:

> "Ghalhekk fil-postijiet tax-xoghol ma tistax tafda illi hadd ma hu ser ikollu mument ta' nuqqas ta' attenzjoni jew ta' distrazzjoni, u trid tahseb minn qabel biex dak li jista' jkun ta' perikolu tnehhih qabel ma jwegga' xi hadd, u mhux wara. Ma tridx wisq dehen u ghaqal biex tifhem li *cables* jigru mas-saqajn f'post fejn hemm moviment biex tmur minn makna ghal ohra huma perikolu zejjed.
>
> "Is-socjetà konvenuta ma haditx hsieb telimina dan il-perikolu qabel ma weggghet l-attrici, u ghalhekk fil-fehma tal-qorti naqset milli tara li l-haddiema taghha jahdmu f'ambjent kemm jista' jkun nieqes minn perikolu."

Kien wara dan l-incident li bdew jittiehdu certi mizuri ta' *safety*, izda dawn ma jiswewx biex inaqsu r-responsabbilta` ta' min fuq istruzzjonijiet tieghu mar jahdem l-attur.

Fid-dawl tal-premess, l-appell principali tas-socjeta` Sullivan Maritime Limited ghandu jigi michud. Bhala agent tal-vapur kellha dmir tagixxi bhala *bonus paterfamilias*, u naqset minn dan id-dover meta ordnat haddiema fuq il-post tax-xoghol minghajr ma vverifikat li dak il-post, kemm jista' jkun, hu hieles minn perikolu ghall-istess haddiema.

Fil-kuntest tal-appell incidentali tal-attur, din il-Qorti sejra l-ewwel titratta l-kwistjoni marbuta mar-responsabbilta` o meno tas-socjeta` konvenuta Short Med Shipping Co. Limited, li giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju mill-ewwel Qorti. Dik is-socjeta` hija sid il-vapur inkwistjoni, pero`, fil-mument tal-incident din kienet f'idejn terzi fuq bazi ta'

*charterparty*. L-attur jirreferi ghall-gurisprudenza estera li tghid li, nonostante dan, is-sid tal-vapur ma jigix ezonorat mir-responsabbilta`. F'wahda mis-sentenzi kwotati minnu (**Dobell GE and Co v. Steamship Rossmore Co. Ltd**, 1895 2 QB 408) jinghad illi *"the exception to relieve the ship owner is made to depend on the condition that the owner of the ship … shall exercise due diligence to make the vessel in all respects seaworthy."*.

Kif jinghad fil-ktieb "Chorley & Giles' Shipping Law" ta' Gaskell, Debattista and Swatton, 8th Edit. f'pagna 187:

> *"To be seaworthy a vessel must have a degree of fitness which an ordinary, careful and prudent owner would require his vessel to have at the commencement of her voyage, having regard to all the probable circumstances of it. A ship is efficient as an instrument of transport if hull, tackle and machinery are in a state of good repair, if she is sufficiently provided with fuel and ballast and is manned by an efficient crew."*

Il-kundizzjoni tal-vapur trid tirrizulta tajba fil-bidu tal-vjagg u tirreferi aktar, ghalkemm mhux necessarjament esklussivament, ghal vjabilita` tal-vapur bhala mezz ta' trasport fuq il-bahar.

F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-incident sehh minhabba xi nuqqas fis-*seaworthiness* tal-vapur. Il-kawza prossima tal-incident kien li thalla z-zejt mal-art, il-habel mhux marbut, hbula li kienu mitluqin (deskritti minn xhud bhala li *"kienu bandla"*) u *wires* mitluqin bl-addocc. Li gara ma jirrizultax li kien rizultat ta' nuqqas fil-bastiment *per se*, izda nuqqas ta'

diligenza u intervent f'waqtu ta' min kellu effettivament il-kontroll tal-vapur.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-quantum tad-danni, l-attur jilmenta mill-multiplier ta' 8 li applikat l-ewwel Qorti fil-kalkolu taghha tal-kumpens. L-ewwel nett, tajjeb li jigi carat li, kontra dak li allega l-attur, l-ewwel Qorti ma qalitx, allegatament bi zball, li l-attur kellu 53 sena fil-gurnata tal-incident; hi accettat li dakinhar tal-incident l-attur kellu 51 sena, izda qalet li l-attur kellu 53 sena meta dahal lura ghax-xoghol. L-ewwel Qorti qieset iz-zmien bejn l-incident u sakemm l-attur dahal lura ghax-xoghol taht il-kappa ta' *lucrum cessans*, u ghaz-zmien ta' wara ikalkolat id-*damnum emergens* (ara il-*"precizazzjoni terminologika"* li sar fil-kuntest ta' dawn iz-zewg figuri, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' April 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Sammut v. Micallef**).

L-attur jilmenta wkoll mill-fatt li, skont hu, multiplier ta' 8 huwa wiehed baxx, peress illi bhala haddiem tax-xatt ghandu prospett ta' hajja lavorattiva ferm aktar minn dik ta' 61. Din il-Qorti tifhem dak sottomess, pero`, meta tqis ic-*'chances and changes of life'*, li ghandhom dejjem jittiehdu in konsiderazzjoni minhabba l-imprevedibilita` u l-kontingenzi tal-hajja futura, u d-diskrezzjoni li ghandha it-*'trial court'* f'din il-materja, ma tarax li, fic-cirkostanzi, il-figura ta' multiplier li adoperat l-ewwel Qorti hija rragjonevoli jew insensittiva ghas-sitwazzjoni tal-attur. Ix-xoghol tal-

attur hu wiehed iebes u, ghalkemm jibqa' jzomm il-licenzja wara l-eta` ta' 61 sena, ma jfissirx li jkun jista' jkompli jahdem wara dik l-eta`.

Din il-Qorti, ghalhekk ma tqisx li l-aggravji tal-attur, fl-appell incidentali tieghu, jimmeritaw li jkunu milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali tas-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited u kif ukoll mill-appell incidentali tal-attur billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-imghaxijiet jibqghu jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu billi kull appellant ihallas l-ispejjez relatati mal-appell, principali jew incidentali, tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
Id